MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 781/2007

**ID-DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU**

vs

Ermelina **SILOS MENDOZA** u Alfred Reginald Lewis

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta’ Lulju, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (i) issib li ż-żwieġ ċelebrat fir-Reġistru Pubbliku ta’ Malta fil-5 ta’ Marzu, 2001, bejn l-imħarrkin ma kienx jgħodd għaliex dak inhar l-imħarrka kienet marbuta bi żwieġ ieħor ma’ wieħed Lumen Domingo; u (ii) tordna għalhekk it-tħassir tar-Reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ relattiv li jġib in-numru

progressiv mija u tmienja u sittin tas-sena elfejn u wieħed (186/2001);

Rat li l-imħarrkin, għalkemm notifikati bil-mezzi maħsuba fil-liġi fl-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, baqgħu ma ressqux Tweġiba fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-attur;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-attur, fosthom kopja awtentikata tal-atti tal-proċeduri miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mitmuma bis-sentenza ta' dik il-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2006;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2008[1], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Ottubru, 2009, li bih u wara talba li saritilha mill-imħarkin b'rikors tagħhom tas-26 ta' Ottubru, 2009, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza biex tqis jekk għandhiex tħalli lill-istess imħarrkin jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-imħarrkin u s-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet dwar jekk l-imħarrkin iġġustifikawx il-kontumaċja tagħhom;

Rat il-provvediment mogħti minnha fil-15 ta' Diċembru, 2009[2], li bih ċaħdet it-talba tal-imħarrkin biex jissanaw il-kontumaċja tagħhom u tathom żmien biex iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet għall-finijiet tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fil-11 ta' Jannar, 2010[3];

[1] Paġ. 68 tal-proċess
[2] Paġġ. 100 – 4 tal-proċess
[3] Paġġ. 106 – 7 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fil-21 ta' Jannar, 2010[4], bi tweġiba għal dik imressqa mill-imħarrkin;
Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Marzu, 2010, li bih u fuq talba mressqa mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tat-2 ta' Marzu, 2010, ipprovdiet li l-imħarrkin iressqu kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija fl-1 ta' Marzu, 2010;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 2010, li bih u fuq talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tad-9 ta' Marzu, 2010, ċaħdet it-talba biex il-Qorti tħassar *contrario imperio* d-degriet tagħha tal-4 ta' Marzu, 2010;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex titħassar ir-reġistrazzjoni ta' Att ta' Stat Ċivili. L-attur jgħid li l-Att taż-Żwieġ ċelebrat bejn l-imħarrkin fir-Reġistru Pubblika f'Malta għandu jitħassar għaliex kien hemm raġuni – żwieġ preċedenti fis-seħħ min-naħa tal-imħarrka – li minħabba fiha dik ir-reġistrazzjoni ma tiswiex;

Illi l-imħarrkin naqsu li jressqu t-Tweġiba Maħlufa fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi, u naqsu li jagħtu lill-Qorti raġuni tajba biex tħallihom jissanaw il-kontumaċja tagħhom;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li nhar il5 ta' Marzu, 2001, l-imħarrkin ikkontrattaw żwieġ fis-sura ċivili fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta[5]. L-imħarrka twieldet fir-Repubblika tal-Filippini u f'Marzu tal-1981 iżżewġet lil

[4] Paġġ. 110 – 3 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess

wieħed Lumen Domingo[6]. L-imħarrek twieled fir-Renju Unit u żwieġ li hu kien iċċelebra hemmhekk kien ġie xolt. L-imħarrkin iltaqgħu lejn il-bidu tal-2000, iżda l-imħarrka kienet ilha toqgħod f'Malta sa minn Marzu tal-1998, m'oħtha li hija miżżewġa Malti. Qabel ma l-imħarrkin ikkuntrattaw iż-żwieġ, kien twettaq il-proċess tat-tnidijiet[7]. Meta l-imħarrkin kienu talbu lill-attur biex joħroġ it-tnedijiet għaż-żwieġ tagħhom, l-imħarrka kienet iddikjarat li ma kinetx miżżewġa u wriet ċertifikat maħruġ mir-Reġistru Ċentrali taż-Żwiġijiet Filippin f'Diċembru tal-2000 f'dan is-sens[8];

Illi f'xi żmien matul l-2004, l-attur kien talab lill-Pulizija jistħarrġu ċ-ċirkostanzi tal-istatus tal-imħarka[9]. F'Novembru tal-2005, l-awtoritajiet tal-Pulizija fil-Filippini bagħtu jgħarrfu lill-Pulizija f'Malta li fil-fatt l-imħarrka kienet iżżewġet fl-1981 u li sa dak inhar dak iż-żwieġ kien għadu jgħodd. Fit-12 ta' April tal-2006, l-imħarrka għamlet stqarrija mal-Pulizija dwar iċ-ċirkostanzi marbuta mal-ġrajja qabel ma daħlet fiż-żwieġ mal-imħarrek[10]. Fl-20 ta' April, 2006, l-imħarrka tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixlija bir-reat ta' bigamija, billi ż-żwieġ tagħha ma' Lumen Domingo kien għadu fis-seħħ. L-imħarrka ammettiet l-akkuża u b'sentenza mogħtija fl-20 ta' Lulju, 2006[11], il-Qorti tal-Maġistrati ikkundannatha għal piena ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija sospiżi għal tliet (3) snin;

Illi fl-20 ta' Lulju, 2007, infetħet din il-kawża, iżda f'xi żmien matul iż-żmien li din il-kawża kienet qiegħda tinstema' nbdew proċeduri formali fil-qrati tal-Filippini għad-dikjarazzjoni tan-nullita' taż-żwieġ tal-imħarrka ma' Lumen Domingo;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet legali marbutin mat-talbiet attriċi</u> jolqtu żewġ aspetti ta' xejra proċedurali. Dwar il-fatti ma jidhirx li hemm wisq kontestazzjoni bejn il-partijiet. Fl-

[6] Dok "LC2", f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Marthese Farruġia Turban 2.4.2008, f'paġ. 46 tal-proċess
[8] Dok "MFT1", f'paġ. 37 tal-proċess
[9] Xhieda tal-Ispettur Louise Calleja 2.4.2008, f'paġġ. 38 – 9 tal-proċess
[10] Dok "LC1", f'paġġ. 31A – 3 tal-proċess
[11] Dok "B", f'paġġ. 5 – 6 tal-proċess

ewwel lok, minħabba li l-attur jitlob lill-Qorti biex issib li ż-żwieġ kuntrattat bejn l-imħarrkin ma jiswiex, din il-Qorti trid timxi b'reqqa u attenzjoni bla ma taqbeż il-kompetenza tagħha li tistħarreġ din il-kwestjoni. Fit-tieni lok, irid isir stħarriġ ukoll dwar in-natura tal-azzjoni attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attriċi l-Qorti tagħraf li dik it-talba tolqot is-siwi ta' żwieġ kuntrattat f'Malta. Il-liġi tagħna dwar is-siwi ta' żwieġ hija l-Att XXXVII tal-1975 dwar iż-Żwieġ[12]. B'rieda espressa tal-liġi[13], każijiet li jolqtu ħwejjeġ jew ikollhom x'jaqsmu ma' lAtt taż-Żwieġ jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u din il-Qorti tista' tisma' u tqis biss dawk il-kawżi li ma jmisshomx ikunu assenjati lit-Taqsimiet l-oħrajn tal-Qorti Ċivili. Għalhekk, din il-Qorti sejra tqis din il-kawża biss safejn is-setgħat tagħha ma jirfsux fuq il-kompetenza partikolari tal-Qorti li lilha l-liġi tagħti s-setgħa li tisma' u tqis il-mertu tal-kwestjoni u kif ukoll b'ħarsien tal-prinċipju li fi kwestjonijiet dwar kompetenza għandu jittieħed rigward tal-oġġett tat-talba introduttiva u l-fatti tal-każ[14];

Illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm li kienet qiegħda ssir mal-għeluq tal-provi min-naħa tal-attur, l-għaref difensur tal-istess attur kienet qalet li r-raġuni li wasslet biex tinfetaħ din il-kawża kienet l-eżistenza ta' żwieġ preċedenti fis-seħħ fir-rigward tal-imħarrka meta din għaddiet biex tikkuntratta f'Malta żwieġ mal-imħarrek. Jidher li r-raġuni li wasslet lil-attur biex iressaq l-ewwel talba tiegħu hija d-dispożizzjoni tal-artikolu 6 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-fehma toħroġ mill-kliem tar-raba' premessa tar-Rikors Maħluf innifsu. L-attur jisħaq li ċirkostanza bħal dik u li l-istess imħarrka stqarret bħala fatt, huma raġunijiet gravi u ta' ordni pubbliku li jwasslu tabilfors biex l-ewwel talba tiegħu tintlaqa';

Illi dwar din is-sottomissjoni l-Qorti tqis li safejn l-azzjoni attriċi hija tendenti biex titlob dikjarazzjoni jew pronunzjament dwar is-siwi ta' żwieġ, din il-Qorti ssib li tonqos fiha l-kompetenza *ratione materiae* biex tagħmel

---

[12] Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta
[13] Reg. 4(d) tal-A.L. 396 tal-2003
[14] App. Inf. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Salome Chetcuti vs Jonathan Satariano*** u P.A. LFS **5.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Linda Jane Bannell et vs Carmel Camilleri***

stħarriġ bħal dan u biex tagħti deċiżjoni fuq is-siwi ta’ dak iż-żwieġ. Madankollu, jidher ukoll li l-għan aħħari tal-azzjoni attriċi huwa dak li jikseb it-tħassir tar-reġistrazzjoni tal-Att ta’ Stat Ċivili u mhux it-tħassir taż-żwieġ fih innifsu. Il-mistoqsija li tqum hija, madankollu, jista’ jintlaħaq l-aħħar għan bla ma jgħaddi mill-għarbiel tal-ewwel wieħed?;

Illi dan iwassal għt-tieni konsiderazzjoni legali, u jiġifieri x’inhi n-natura tal-proċedmient mibdi mill-attur. Fis-sottomissjonijiet magħmulin mill-għaref difensur tal-attur waqt l-imsemmija trattazzjoni, hija qalet li din tal-lum hija azzjoni msejsa fuq l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili li titkellem dwar tiswijiet jew tħassir ta’ reġistrazzjonijiet ta’ Atti ta’ Stat Ċivili magħmula fir-Reġistru Pubbliku. Kien fuq din il-fehma li l-attur baqa’ jisħaq li l-kawża saret sewwa meta tressqet quddiem din il-Qorti, ladarba ġeneralment, kawżi dwar bidla jew tħassir ta’ Atti bħal dawk jaqgħu taħt il-kompetenza ta’ din il-Qorti;

Illi din il-Qorti ma tistax tkun daqshekk ċerta mis-sottomissjoni tal-attur. Dan qiegħda tgħidu għaliex ma jidhirx li l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili jaħseb għal sitwazzjoni fejn id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku nnifsu jrid iressaq proċedura għall-bidla jew it-tħassir ta’ Att bħal dak. Ir-raġuni ta’ din il-fehma tinsab fid-dispożizzjoni tas-sub-artikolu (4) tal-artikolu 253 li trid li f’**kull** talba taħt dak l-artikolu, l-azzjoni trid issir b’Rikors Maħluf **kontra d-Direttur**. M’huwiex għalhekk konċepibbli li l-attur tallum jiftaħ kawża kontrih innifsu biex jikseb l-għan dikjarat tat-tħassir tar-reġistrazzjoni msemmija;

Illi taħt il-massima *sine praevia lege non oritur actio*, din il-Qorti kien ikollha tqis jekk kemm-il darba l-attur setax iressaq l-azzjoni tal-lum għat-tħassir tar-reġistrazzjoni tal-Att ta’ Stat Ċivili għar-raġuni minnu msemmija. Iżda matul is-smigħ tal-kawża seħħet ċirkostanza li, fil-fehma tal-Qorti, kienet mhux biss waħda serja, iżda wkoll waħda ta’ ordni pubbliku li ma tistax ma tqishiex bla ma tkun qegħda tirfes fuq is-sens ta’ ħaqq li l-każ kollu jinbena fuqu. Din iċ-ċirkostanza nħalqet bil-fatt li, matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema’ din il-kawża, ż-żwieġ ta’ l-imħarrka ma’

Lumen Domingo ġie dikjarat null b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Frar, 2010, mill-Qorti kompetenti ta' Imus, Cavite[15]. Dik is-sentenza saret ukoll ġudikat fil-pajjiż li fih ingħatat[16];

Illi l-Qorti tqis li din iċ-ċirkostanza tolqot sewwa s-siwi tat-tieni talba attriċi u kif ukoll il-jeddijiet tal-imħarrka li, minkejja l-kontumaċja tagħha, titqies li ħalliet ix-xorti tagħha f'idejn il-Qorti biex tagħmel ħaqq għall-każ tagħha. Il-Qorti hija tal-fehma wkoll li dik iċ-ċirkostanza tat-tħassir taż-żwieġ tal-imħarrka ma' Lumen Domingo *ab initio* iġġib fis-seħħ it-tħaddim tar-regola tal-*jus superveniens* li, kif inhu magħruf, *firmat actionem et exceptionem* u li l-bażi tagħha hija sewwasew l-ekonomija tal-ġudizzju u tal-ispejjeż[17]. Hija l-fehma tal-Qorti li, bis-saħħa tal-imsemmija sentenza, tonqos ir-raġuni ewlenija li fuqha l-attur isejjes it-tieni talba tiegħu, u dan indipendentement minn jekk din il-Qorti għandhiex is-setgħa li tqis u tistħarreġ l-ewwel talba tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis l-ewwel talba** minħabba li din tmur lil hinn mis-setgħat li għandha din il-Qorti biex tiddeċiedi u taqta' kwestjonijiet li jirrigwardaw is-siwi u n-nullita' ta' żwieġ;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** u ssib li ma jeżistux iċ-ċirkostanzi li jwasslu biex din il-Qorti tordna t-tħassir tal-Att taż-Żwieġ numru 168 tas-sena 2001 dwar iż-żwieġ kuntrattat fir-reġistru Pubbliku ta' Malta fil-5 ta' Marzu, 2001, bejn l-imħarrka Ermelinda Silos Mendoza u l-imħarrek Alfred Reginald Lewis;

**Tordna** li l-**ispejjeż** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

[15] Dok "YY", f'paġġ. 136 sa 143 tal-proċess
[16] Dok "XX", f'paġ. 135 tal-proċess
[17] App. Ċiv. **27.10.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċini pro et noe vs Galea et.*** (Kollez. Vol: **XLII.i.517**) a fol. 540

---------------------------------TMIEM---------------------------------